MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2015

Talba Numru. 241/2014

**GO p.l.c.**

**Vs**

**Paul PORTELLI**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tas-socjeta rikorrenti mressqa fis-7 ta' April, 2014** u li permezz taghha talbet lill-intimat jhallasha s-somma ta' erba' mija tieta u erbghin euro u hmistax-il centezmi ta' euro [€443.15c] u dan wara li ppremettiet hekk:

> "Illi l-konvenuti ghandu jaghti lis-socjeta attrici s-somma ta' erba' mija tlieta u erbghin Ewro u hmistax-il centezmu (€443.15) in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC10107391), u li jinkludi telefon 21464445; servizz ta' televisjoni 1425073758 u 1425073811, u servizz ta' internet;

Illi nterpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghal hlas, il-konvenut baqa inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Bl-ispejjez u drittijiet, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali 2570/13, u bl-imghaxijiet legali sa mit-30 t'Ottubru, 2013, data ta' l-imsemmija ittra ufficjali".

Ra **r-risposta tal-intimat** minnu mressqa fis-6 ta' Mejju, 2014 u li permezz taghha huwa rrisponda hekk ghat-talba tas-socjeta rikorrenti:

"1. It-talba tas-socjeta attrici ghandha tigi michuda stante li hi nfondata fil-fatt u fid-dritt kif ser jigi ppruvat fil-kawza.

2. Illi l-ammont mitlub mhux dovut.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta attrici"

Ra l-verbal datat 28 ta' Jannar, 2015 fejn it-Talba thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz tal-prezenti Talba, s-socjeta rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimati l-hlas tas-somma ta' erba' mija tieta u erbghin euro u hmistax-il centezmi ta' euro [€443.15c] in konnessjoni ma' Bundle Service Agreement Home Pack 33 (AC10107391), u li jinkludi telefon 21464445; servizz ta' televisjoni 1425073758 u 1425073811, u servizz ta' internet. L-intimat wiegeb ghal din it-Talba billi qal li t-talba tas-socjeta rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u li l-ammont mitlub ma huwiex dovut.

Ikkunsidra;

2. **Simone Wightman**, rapprezentanta tas-socjeta rikorrenti qalet li l-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti f'dawn il-proceduri ghadu dovut fl-intier tieghu mill-intimat. Hija pprezentat kopja tal-kontijiet kollha

pendenti tal-intimat (dok. SW 1) kif ukoll ricevuta tar-ritorn tal-apparat (dok. SW 2). Qalet li l-intimat kien inghata kreditu fl-ammont ta’ mitejn u hamsin ewro (€250) talli huwa rritorna dan l-apparat, liema ammont diga tnaqqas.

3. **L-intimat** beda biex qal li fil-15 ta’ April, 2009 huwa kien ghamel kuntratt ta’ sentejn ghal *bundle* li kien jinkludi fih t-televizjoni, l-internet u t-telefon. Qal li tul dawn is-sentejn ma kienx hemm problemi ta’ hlasijiet. Tul dan iz-zmien ukoll, minkejja li huwa kellhu internet bi *speed* ta’ *eight (8) megabytes per second*, skond testijiet li kien jaghmel ibnu fuq l-imsemmi *speed*, kien sab li l-“*speed hafna hafna inqas*” (fol. 41). L-intimat esebixxa kopja ta’ dawn ir-*readings* li kien ghamel ibnu, liema dokument gie mmarkat bhala dok. PP1 (fol. 44). Qal li huwa kien ikkomunika mas-socjeta rikorrenti diversi drabi fuq din il-kwistjoni u skond hu, dawn kienu jghidulu “*issa nirrangaw*” jew “*ghandek ragun*” (fol. 41). Qal li f’okkazzjoni minnhom, r-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti kienu qalulu li “*l-megabytes speed li kelli kien sal-hub taghhom u mhux l-ispeed li wiehed jircievi d-dar tieghu*” (fol. 41-42).

Meta skada l-kuntratt fis-6 ta’ April, 2011 huwa kien informa lis-socjeta rikorrenti li ma riedx jerga jgedded il-kuntratt u kien mar fil-fergha tas-socjeta rikorrenti gewwa Birkirkara. Meta staqsa jekk huwa kienx ried jimla xi formula, r-risposta kienet fin-negattiv u kull ma ried jaghmel kien li huwa jgib il-kaxxa. Hekk fil-fatt ghamel l-intimat. Gara li meta huwa reggha mar fil-fergha ta’ Birkirkara bil-kaxxa proprjeta tas-socjeta rikorrenti, huwa ma kienx sab lil dik il-persuna li kien kellem l-ewwel darba u cioe li certu Lara. Meta staqsiehom jekk setax ihalli l-kaxxa hemm, skond l-intimat, it-twegiba kienet “... *la bdejt ma’ Lara trid tkompli ma’ Lara*” (fol. 42). Qal li kien mar kemm-il darba f’din il-fergha sabiex isib lil imsemmija Lara izda kien kollu ta’ xejn. Imbaghad fit-22 ta’ Frar, 2013 huwa kien mar go fergha ohra u meta qal lil persuna li sab hemm il-problema tieghu sabiex isib lil Lara u jhalli l-kaxxa maghha, hija qaltlu li “*... ma ghandekx ghalfejn issib lil Lara tista thallihom maghna l-affarijiet il-ghaliex ahna naccettawhom u fil-fatt hekk gara*” (fol. 42).

L-intimat ghalhekk insista li huwa ma ghandu jhallas xejn mill-ammont reklamat u dan peress li skond hu, addett tas-socjeta rikorrenti fil-fergha ta’ Birkirkara kien qallu li ma setax ihalli l-kaxxa mieghu izda ma Lara galadarba kien beda maghha. Qal li s-socjeta rikorrenti messha accettat l-apparat li kien qalha. Apparti dan, huwa qatt ma uza l-apparat mis-06 ta’ April, 2011 u cioe mid-data ta’ meta skada l-kuntratt originali tieghu.

In kontro ezami, l-intimat qabel mal-fatt li s-servizz offrut mis-socjeta rikorrenti kien ghadu ghandu, pero insista li huwa ma uzax is-servizz mis-6 ta' April, 2011.Qal li huwa dam biex ta l-apparat lis-socjeta rikorrenti minhabba l-fatt li kull meta mar fil-fergha ta' Birkirkara, dawn kienu jghidulu li la kien beda ma Lara, allura kellu jkompli maghha. Mistoqsi minn kienet din il-persuna li qaltlu dan id-diskors, l-intimat ma kienx jaf iwiegeb. Qal li kien mar madwar hamsa u ghoxrin (25) darba fil-fergha ta' Birkirkara sabiex jipprova jsib lil imsemmija Lara. Qal li meta imbaghad sar jaf li kienet qeghda fil-fergha tas-socjeta rikorrenti gewwa Rahal Gdid, l-ghaliex hekk qalulu, huwa sab lil persuna li accettat l-apparat u hargitlu r-ricevuta li giet esebita bhala dok. PP II (fol. 46).

Mistoqsi jekk uzax xi servizzi pprovdut mis-socjeta rikorrenti wara s-6 ta' April, 2011, l-intimat wiegeb fl-affermattiv. Qal li "*zgur li wzajt it-telephone u t-television*" (fol. 43). Zied ighid pero li huwa hallas ghal dan il-konsum. Kull ma nehha, kompla jghid l-intimat, kien il-*modem*.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. Jirrizulta li l-intimat kien iffirma kuntratt mas-socjeta rikorrenti fid-9 ta' April, 2009 ghal Bundle Service Agreement Home Pack 33 li kien ghat-telefon, it-televizjoni, mobile u *internet*. Dan il-kuntratt kien ghal perjodu ta' sentejn. Il-hlas kien ta' €33 fix-xahar. Ovvjament, jekk ikun hemm iktar uzu milli dak miftiehem, allura kien ikun hemm hlas addizzjonali.

5. It-Tribunal ra d-dokumenti, senjatament l-istatement of accounts, u minnhom jirrizulta tabilhaqq li l-intimat kien baqa jaghmel uzu mis-servizzi provduti mis-socjeta rikorrenti u kien anke jhallas ghal dawn is-servizzi wara li kien skada l-kuntratt tieghu fid-9 ta' April, 2011. Ghar-rigward tad-dikjarazzjoni maghmula mill-intimat li huwa pprova jsib lil Lara, li kienet il-persuna li kienet kellmitu gewwa l-fergha tas-socjeta rikorrenti ta' Birkirkara u kien ghalhekk li huwa ma kienx irritorna l-apparat qabel l-4 ta' Frar, 2013, it-Tribunal huwa tal-fehma li din ma ghandhiex mis-sewwa. Ma kien hemm l-ebda raguni l-ghala l-intimat ma setax ihalli l-apparat ma addetti ohra, kif fil-fatt ghamel fl-4 ta' Frar, 2013. Jekk verament din kienet is-sitwazzjoni, l-intimat messu kiteb formalment lis-socjeta rikorrenti jinfurmaha b'din is-sitwazzjoni. Minflok, kif anke ammess mill-istess intimat, huwa baqa juza s-servizzi tas-socjeta rikorrenti u kien anke baqa jhallas ghalihom. Ghar-rigward tal-kwistjoni l-ohra ta' l-ispeed tal-internet, jirrizulta li din kienet kwistjoni li kienet qeghda issehh fil-perjodu tal-kuntratt originali. Fir-rejalta, jidher li l-ilment principali tal-intimat kienet dwar is-sahha ta' l-internet u xejn aktar. Konferma ta' dan hija moghtija mill-intimat stess meta in kontro-

ezami qal li "*jiena kont qlajt il-modem u xejn izjed*" (fol. 43). Li qeghda titlob is-socjeta rikorrenti f'dawn il-proceduri huwa hlas ghall-uzu tas-servizzi wara li kien skada l-kuntratt u xejn aktar. Ghalhekk dan l-ilment ta' l-intimat ma ghandux x'jaqsam mal-kaz odjern.

6. L-ammont reklamat mis-socjeta rikorrenti ghalhekk jirrizulta li huwa ppruvat u l-intimat ghandu jhallas dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li qieghed jichad l-eccezzjonijiet kollha mressqa mill-intimat in kwantu dawn huma inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, qieghed jilqa t-talba tas-socjeta rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' erba' mija tieta u erbghin euro u hmistax-il centezmi ta' euro [€443.15c] bl-imghaxijiet jibdew jidekorru fuq dan l-ammont mit-30 ta' Ottubru, 2013 data ta' l-ittra ufficjali (fol. 14) sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali numru 2570/13 datata 30 ta' Ottubru, 2013, ghandhom ikunu sopportati mill-intimati.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------